**TRIBUNAL GĦAT-TALBIET TAL-KONSUMATUR**

MALTA

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

CCT/311/11/S

<u>Joshua Cilia</u>

<u>Vs</u>

<u>Telecom</u>

Illum 6 ta'Frar,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Joshua Cilia ippreżentata fit-12 ta' Lulju, 2011 u r-risposta tal-intimat Marcel Grech eżerċenti l-kummerċ bhala Telecom datata 16 ta' Novembru,2011;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-intimat u t-trattazzjoni tiegħu fl-20 ta' Jannar, 2012 meta r-rikorrent Joshua Cilia ma deherx;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilmenti dwar 'mobile' tat-tip "Nokia 5530 Xpress Music" mixtri fl-1 t'April, 2009;

Illi jingħad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima *"incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat"* (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet <u>'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited'</u> mogħtija fit-13 ta' Jannar, 1999) u r-rikorrent naqas milli jidher u jikkonferma dak minnu mitlub fit-talba tiegħu;

Illi min-naħa tiegħu, l-intimat Marcel Grech irribatta b'dikjarazzjoni datata 24 t'Ottubru, 2011 li ġiet ukoll konfermata bil-ġurament tiegħu;

Illi fiċ-ċirkostanzi, r-rikorrent naqas milli jipprova dak minnu allegat fit-talba tiegħu;

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba tar-rikorrent Joshua Cilia u Jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat Marcel Grech eżerċenti l-kummerċ bhala Telecom, b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, TRIQ NOFS IN-NHAR, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TEL.(+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888